MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Citazzjoni Numru. 1412/1998/1

**Angelo Carabott**

**Vs**

**Avukat Dottor Victor Ragonesi bhala kuratur deputat ta' l-assenti Carl Felix Wim Antonius Hamm u dan bhala likwidatur u De Haan Internationale Expeditie B.V.; appuntat b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Frar 1998 u Ace Shipping Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta De Haan Internationale Expeditie B.V.., fis-somma ta' Lm16,314 (sittax il-elf, tlett mija u erbatax il-lira maltija) flimkien ma' l-interessi kummercjali mid-data li fiha gie res kull wiehed mis-servizzi relattivi u liema ammont u interessi huma dovuti ghall-garr ta' merkanzija matul il-perjodu minn Gunju sa Dicembru 1996 skond kif jirrizulta mill-anness statement – Dokument A.

U peress illi jidher li l-istess socjeta' konvenuta De Haan Internationate Expeditie B.V.., taccetta li dan l-ammont huwa dovut lill-attur, (ara dokument B) pero' ma resqitx biex issir dikjarazzjoni kontrattwali ta' dan id-debitu, anke wara li giet interpellata biex taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 1998.

U peress illi s-socjeta' konvenuti De Haan Internationate Expeditie B.V. f'certu zmien kienet tibaghat lis-socjeta' konvenuta l-ohra Ace Shipping Limited, fondi bi struzzjonijiet li l-istess socjeta' konvenuta Ace Shipping Limited, thallas lill-attur skond *invoices* li kienu jigu approvati.

U peress illi l-istess socjeta' konvenuta De Haan Internationate Expeditie B.V. jirrizulta li baghtet flejjes biex l-attur jithallas dak li hu dovut lilu skond kif indikat aktar 'il fuq, izda s-socjeta' konvenuta Ace Shipping Limited naqset milli thallas lill-attur u allokat il-fondi li kellha f'idejha diversament minn kif kien lilha dirett.

U peress illi l-attur ghalhekk baqa' ma giex imhallas dak li kien dovut lilu.

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta De Haan Internationale Expeditie B.V. hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' Lm16,314 (sittax il-elf, tlett mija u erbatax il-lira maltija) u nteressi relattivi, dovuti kif fuq spjegat;

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Ace Shipping Limited kellha fil-pussess taghha flus jew effetti biex jigi mhallas il-kreditu ta' l-attur, izda naqset li taghmel dan b'dannu ghall-attur u ghalhekk illum hija wkoll responsabbli flimkien mas-socjeta' konvenuta l-ohra De Haan Internationale Expeditie B.V.; ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm16,314 (sittax il-elf, tlett mija u erbatax il-lira maltija) u nteressi relattivi, dovuti kif fuq spjegat; u

3. Konsegwentement u in vista tal-premessi u talbiet surreferiti, tikkundanna liz-zewg socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur l-istess ammont ta' Lm16,314 u l-interessi kummercjali mid-data ta' kull servizz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tas-26 ta' Jannar 1998, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti biex jidhru u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Victor E Ragonesi** a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi s-socjeta' konvenuta minnu rapprezentata hija fi stat ta' stralc u rapprezentata fl-Olanda, fejn hija registrata, minn Karl Felix Wim Antonius Hamm, li bhala kuratur ta' li stralc huwa regolat bil-ligi Olandiza.

2. Illi s-somma mitluba fic-citazzjoni hija dovuta, izda fli stralc hemm kredituri bid-drittijiet prioritari u l-attur gie b'dan infurmat.

3. Minghajr pregudizzju, li Ace Shipping Limited giet mitluba mill-eccipjent biex taghti rendikont tal-flus li ghandha appartenenti, baqghet inadempjenti u saret kawza f'din il-materja.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Ace Shipping Limited** a fol. 17 tal-process fejn eccepiet:

Illi s-socjeta’ Ace Shipping Limited giet citata inutilment peress illi l-istess socjeta’ qatt ma kellha xi relazzjoni kontrattwali ma’ l-attur u ghalhekk is-socjeta’ attrici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;

Billi l-attur kien impjegat direttament mis-socjeta’ Olandiza De Haan Expeditie B.V. u ghalhekk se mai l-process hu integru biss fil-konfront ta’ din is-socjeta’ estera;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Saviour Mifsud ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited a fol. 17.

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 227;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Fatti**

L-attur Angelo Carabott kien ghamel xoghol bhala *freight forwarder* mas-socjeta` Olandiza De Haan Internationale Expeditie B.V. f’Gunju 1996. Huwa kompla jaghmel dan ix-xoghol sa tmiem is-sena u cioe Dicembru 1996. Is-socjeta' Olandiza falliet fis-7 ta' Jannar 1997.

Il-ftehim bejn Carabott u s-socjeta` De Haan kien illi huwa jithallas sa sittin jum wara li jkun baghat l-*invoice* tal-vjagg, l-Olanda. Il-hlas kellu jsir tramite l-agent tas-socjeta` Olandiza gewwa hawn Malta li kienet is-socjeta` konvenuta l-ohra u cioe Ace Shipping Limited.

Ace Shipping Limited kellha l-inkarigu illi tigbor il-flus minn Malta minghand id-ditti li jkunu uzaw is-servizz ta’ *freight forwarding* provdut mill-istess Carabott bhala impjegat tad-De Haan Internationale Expeditie B.V. Minn dawn il-flus, Ace Shipping Limited kellha zzomm il-*commission* dovuta lilha, thallas il-pagamenti skond l-istruzzjonijiet mill-Olanda u tibaghat il-bilanc tas-somma migbura lil mandatarju taghha De Haan Internationale Expeditie B.V. Billi kontra DeHann inhargu sekwestri hawn Malta, l-flus dovuti lilu kienu jingabru f’kont intestat taht Ace Shipping Ltd.

**Konsiderazzjonijiet**

**Eccezzjonijiet De Haan**

Illi s-socjeta` De Haan Internationale Expeditie B.V. fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha accettat illi l-ammont mitlub mill-attur huwa effettivament dovut minnha izda stante li tinsab f'sitwazzjoni ta' stralc, il-kreditu ghandu jikkonkorri ma’ diversi krediti prioritarji.

**Eccezzjonijiet Ace Shipping Ltd**

**Relazzjoni guridika ma’ l-attur**

Illi s-socjeta’ Ace Shipping Limited eccepiet in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejnha u l-attur. Nonostante dan, fid-dikjarazzjoni guramentata ta’ Saviour Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess socjeta`, huwa jistqarr “illi s-socjeta` Ace Shipping Limited kienet l-agent lokali tas-socjeta` estera De Haan Internationale Expeditie B.V. sa Jannar 1997, qabel ma' din ta’ l-ahhar giet dikjarata falluta mill-Gvern Olandiz" (ara fol 18).

Il-fatt illi Ace Shipping Limited kienet agent ta’ De Haan Internationale Expeditie B.V. gie pruvat ampjament fil-mori tal-kawza, sahansitra mid-dokument a fol. 101 tal-process u mix-xhieda ta’ Anton Ferris (ara wkoll nota ta’ Ace Shipping Ltd a fol 265). Minhabba f'hekk, Ace Shipping Limited ghandha *locus standi* f'dan il-gudizzju.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

**Eccezzjoni – Il-kumpanija ta' De Haan qeghda f'likwidazzjoni**

Mill-provi prodotti johrog car illi l-mandat tas-socjeta` Ace Shipping Limited kien jinkludi l-inkarigu generiku illi thallas lill-attur u l-kuntratturi l-ohra dak dovut lilhom ghas-servizzi rezi. Antoine Ferris, financial controller tal-partijiet, xehed kif biex il-pagament isir kien hemm bzonn ta' struzzjonijiet specfici bil-miktub minghand De Haan Internationale Expeditie B.V.

Ace Shipping Limited qed tikkontendi li De Haan ma kienx tahom struzzjonijiet specifici biex ihallsu lill attur dak li qed jitlob f'dina l-kawza.

L-attur xehed kif f'Dicembru 1996, meta huwa kien l-Olanda mar ikellem lil Kees Schoten li kien jahdem fl-accounts tad-De Haan, rigward il-hlas li kien dovut lilu. Dan Schoten cempel Malta u talab spjegazzjoni ghad-dewmien fil-hlas. Huwa sahansitra tah ittra ghal Saviour Mifsud fejn fakkru illi kuntratturi Maltin bhal Carabott kellhom jithallsu minn Malta. Minkejja dawn l-istruzzjonijiet ta' Schoten, Mifsud insista ma l-attur li De Haan ma kellhiex flus hawn Malta sabiex thallas lill-kuntratturi.

Antoine Ferris xehed illi huwa qatt ma rcieva mill-Olanda struzzjonijiet bil-miktub rigward il-pagament ta' Carabott, anke stante illi huwa ghamel perjodu kemmxejn twil id-dar ghal ragunjiet ta' sahha. In kontroezami jaccetta (ara fol 244) li Schoten fuq it-telefon kien qallu biex Carabott jithallas minn Malta. Huwa pero' ma jafx jekk dawn l-istruzzjonijiet bil-miktub waslux l-ufficcju tieghu fl-edificju tal-Ace Shipping Limited. Ferris jikkonferma li kien hawn flus Malta li jappartjenu lill De Haan li minnhom l-attur seta jithallas.

Saviour Mifsud, min-naha l-ohra, li kien evaziv ghall ahhar fir-risposti tieghu, ma kkontradixxiex ix-xhieda ta' Carabott fejn dan allega illi huwa tah personalment l-

istruzzjonijiet illi kien ircieva minghand Kes Schoten biex jithallas.

Wara li ezaminat ix-xhieda prodotta, hi fehma ta’ din il-Qorti li l-attur kien wassal personalment l-istruzzjonijiet specifici necessarji minghand Schoten lil Ace Shipping Limited sabiex huwa jithallas.

Jirrizulta mill-provi prodotti li Ace Shipping Limited kellha ‘l fuq minn Lm155,000 fondi tas-socjeta` De Haan Internationale Expeditie B.V. fil-pussess taghha, liema flus kienu jinsabu depozitati fil-kont kurrenti tal-istess Ace Shipping Limited u ghalhekk kellha access liberu ghalihom. Dan il-fatt johrog diversi drabi mix-xhieda ta’ Anton Ferris li kien jahdem bhala financial controller tad-De Haan hawn Malta, accountant mal-Ace Shipping Limited, u wkoll accountant tal-istess attur.

Ghaldaqstant Ace Shipping Limited setghet facilment tobdi l-istruzzjonijiet tal-mandatarju taghha, ghaliex ma kienx hemm ebda tfixkil jew ostakolu li jzommha milli taghmel dan.

L-agir tas-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited illi tinjora l-mandat li kellha, kien wiehed ta’ pregudizzju ghall-attur stante illi l-ammont kollu dovut lilu in segwitu gie soggett ghal konkorrenza ma’ diversi debiti ohra fl-istralc tal-kumpanijia Olandiza, bir-riskju li l-ammont ma jithallas qatt.

Is-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited, sabiex ma teccediex il-limiti tal-mandat taghha, kellha tonora ukoll is-60 *day credit term* miftiehma bejn De Haan u l-attur. Ghalhekk hija kellha tistenna xahrejn mid-data tal-*invoice* tal-attur qabel ma setghet thallsu. Dan ifisser illi sal-jum li fih gie dikjarat il-falliment tas-socjeta` Olandiza u cioe is-7 ta’ Jannar 1997, Ace Shipping Limited setghet hallset lill-attur il-pagamenti dovuti lilu sas-7 ta’ Novembru 1996 biss, dejjem sabiex tkun qieghda tagixxi fil-limiti tal-mandat taghha.

Jirrizulta mid-dokument esebit a fol 5 u 6 tal-process illi sas-7 ta' Novembru 1996, l-attur kellu jiehu s-somma ta' tlettax-il elf mitejn sitta u erbghin Lira Maltija erbgha u tletin centezmu (Lm13,246.34). Dan l-ammont gie soggett ghar-riskju li jikkonkorri ma' krediti prioritarji minhabba l-agir abbusiv tas-socjeta` Ace Shipping Limited li kienet tardiva fi hlasijiet li kellha l-obbligu li twettaq.

Ghaldaqstant dana l-ammont hu dovut minn Ace Shipping Limited, liema ammont hija tista' tirkuprah mill-fondi tas-socjeta` Olandiza De Haan Internationale Expeditie B.V. li huma fil-pussess ta' Ace Shipping.

Is-socjeta' Ace Shipping Limited ghandha personalment thallas lill-attur l-imghax kummercjali relattiv fuq dan l-ammont mis-6 ta' Novembru 1996, liema imghax m'ghandux ikun irkuprat minghand De Haan stante illi De Haan m'hijiex responsabbli ghat-tardivita` tal-pagament lejn l-attur, izda dan huwa attribwibbli biss ghall-agir tas-socjeta` Ace Shipping Limited.

Il-bilanc tal-ammont dovut u cioe ta' tlett' elef sebgha u sittin Lira Maltija sebgha u sebghin centezmu (Lm3,067.77) ghandhom jithallsu, flimkien ma' l-imghax kummercjali mis-27 ta' Dicembru 1996, direttament mis-socjeta` Olandiza De Haan Internationale Expeditie B.V., suggett ghal konkors ta' kredituri ta' l-istess socjeta`.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi,
il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici;
tilqa' wkoll it-tielet talba attrici b'dan billi tordna lis-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited thallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf mitejn sitta u erbghin Lira Maltija erbgha u tletin centezmu (Lm13,246.34) flimkien mal-imghax kummercjali mis-6 ta' Novembru 1996 liema somma hija rikuperabbli mill-fondi tas-socjeta` De Haan Internationale Expeditie B.V, filwaqt li l-imghax jithallas mis-socjeta` Ace Shipping Limited proprio.

Tordna lis-socjeta` konvenuta De Haan Internationale Expeditie B.V. thallas lill-attur is-somma ta’ Lm3067.77 bl-imghax kummercjali mis-27 ta’ Dicembru 1996.
Tilqa’ l-eccezzjonijiet ta' Dottor Victor E. Ragonesi noe illi dan l-ammont kif likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti bhala dovut direttament mis-socjeta` De Haan Internationale Expeditie B.V, ghandu jkun suggett ghal-ligijiet Olandizi relattivi ghall-istralc tas-socjetajiet u ghaldaqstant jikkonkorri mad-diversi kredituri ohra.
Tichad l-eccezzjonijet tas-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited.
L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu mis-socjeta` Ace Shipping Limited – kwint mill-ispejjez rikuperabbli mill-fondi tas-socjeta` De Haan Internationale Expeditie B.V., filwaqt li l-erba’ kwinti rimanenti jithallsu mis-socjeta` Ace Shipping Limited proprio.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------